MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 271/2012

**A *sive* B k/a C D**
**vs**
**DE D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fit-2 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu talab lill-Qorti:-

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li kien sehh nhar it-12 ta' Ottubru, tas-sena 1985 [12.10.1985] u dana a bazi tad-dokument ta' l-Att Pubbliku tal-Firda Legali;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

(3) Li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-28 ta' Gunju 2012 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-esponenti qed tecepixxi wahda mill-eccezzjonijiet permessa mil-ligi fl-artikolu 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu r-rikorrenti ma huwiex qed jonera l-obbligu assunt minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni ghal hlas ta' manteniment u hemm arretrati ta' manteniment dovuti skont il-kuntratt;

2. Illi l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta'Gunju 2003 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi bonarjament kuntrattat bejn il-partijiet specifikament jghid li "illi r-ragel qieghed hawn jintrabat u jobbliga ruhu li jaghti jissoministra manteniment favor iz-zewg (2) uliedu fis-somma ta' tmienja u tletin lira maltin (Lm 38) fil-gimgha riveddibli kull sena skont l-gholi tal-hajja pagabbli lil mara kull gimgha bil-quddiem, liema rata qiegheda tigi kalkolata fis-sens li qed tithallas is-somma ta' tmintax il-lira maltin (LM18) ghal kull wild. Illi dan l-obbligu jibqa' jghodd sakemm il-minuri jsiru maggorenni jew sakemm jibqghu jistudjaw izda ma ghandux jieqaf sakemm ikollhom xoghol permanenti u fiss .... Illi -rikorrent ma huwiex qed jissominstra manteniment favur it-tifla tal-partijiet Rachel li qieghda in full-time education;

3. Illi inoltre, r-rikorrent naqas milli jhallas mis-sena 2004 sal-lum iz-zieda fil-manteniment ghal gholi tal-hajja kif kontemplat u stabilit fl-istess kuntratt ta' separazzjoni imsemmi;

4. Illi r-rikorrent qed jonqos ukoll milli jonera l-obbligu minnu assut fl-artikolu 16 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet li jhallas l-ispejjez edukattivi kollha inkluz it-trasport u l-kotba tat-tifla tal-partijiet Lisa Diane;

5. Illi l-esponenti qed titlob li jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghandu japplika l-garanzija ghal manteniment kontemplata fl-artikolu 66I sub-inciz (3);

Rat is-sentenza in parte taghha f'din il-kawza tat-30 ta' April 2013.

Rat in-nota ta' osservazzajonijiet tal-attur tal-31 ta' Lulju 2013.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta tal-10 ta' Settembru 2013.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar dak mhux deeciz bis-sentenza in parte fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Hemm qbil bejn il-partijiet, anke verbalizzat fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2013, illi una volta iz-zewg ulied maggorenni huma llum impjegati *full-time* ma hux aktar dovut manteniment minghand l-attur ghal ulied. L-unika pendenza li fadal bejn il-partijiet jirrigwarda l-arretrati ta' manteniment ghall-ulied maggorenni u z-zieda fil-manteniment tal-konvenuta.

L-Artikolu 66I (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :-

"Il-Qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-Qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu

tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment."

Ghaldaqstant gialadarba wara l-prolazzjoni tas-sentenza in parte ta' din il-Qorti inbidlu c-cirkostanzi fis-sens illi illum iz-zewg ulied tal-partijiet jahdmu full-time, l-ebda manteniment futur ma ghadu pretiz mill-konvenuta fil-konfront tal-ulied.

Fir-rigward tal-manteniment dovut lill-konvenuta personalment il-hlas qed isir ghalkemm hemm nuqqas ta' qbil dwar il-modalita' tar-revizzjoni ta' tali manteniment. Jekk il-konvenuta tiddeciedi li tipprocedi ghall-kanonizzazzjoni ta' ziediet fil-manteniment pretizi izda kontestati, il-mizuri kawtelatorji ordinarji ghandhom ikunu sufficjenti sabiex tikkawtela l-posizzjoni taghha u mhux mehtieg intervent ta' din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 66I tal-Kap. 16.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi  filwaqt li tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta mhux decizi bid-decizzjoni *in parte*, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet, u

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa mhux aktar minn xahar millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------